**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 17 - L-ERBGĦA 12 TA' AWWISSU 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17:45.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Assenti b'apoloġija | Dr Christopher Galea | Viċi-Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Uffiċjal Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* kemm fuq l-internet kif ukoll fuq il-paġna ta' *Facebook.*

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Is-SE informa li kien irċieva imejl mingħand il-Viċi Sindku kif ukoll mingħand il-Kunsillier Brincat li taw ir-raġuni tagħhom għalfejn ma setawx jattendu għal-laqgħa. Il-Kunsill qies l-assenza tagħhom ġustifikabbli.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

2.2 Il-Minuti kienu ikkunsidrati moqrija u ġew approvati *nem com* wara proposta mill-Kunsillier Gatt issekondata mill-Kunsillier Abela.

**3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

3.1 Is-Sindku ppreżentat il-komunikazzjoni tagħha kif ġej:

3.2 Fit-3 ta' Awwissu ġie inawgurat Ġnien il-Ħamrija. L-Onorevoli Ministru Josè Herrera ma setax jattendi minħabba impenji oħra li kellu. Kienu preżenti wkoll il-Membru Parlamentari Karl Gouder (kelliem għall-oppożizzjoni dwar

il-Kunsilli Lokali), il-Ministru Michael Farrugia, l-Onorevoli Clayton Bartolo u l-Onorevoli Maria Fatima Deguara. Is-Sindku pubblikament skużat ruħha minħabba li kien hemm żball dwar kif saru d-diskorsi.

3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li mal-Bring In Sites ta' Triq il-Qoton u Triq Leli Falzon ġew installati CCTV's. Il-LESA bdew jinfurzaw u diġà qed joħorġu ċ-ċitazzjonijiet.

3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri rigward il-Ġnien Santa Marija tal-Anġli. Il-*fencing* imwiegħed li għandu jsir sal-aħħar ta' Awwissu. Qed jintalbu l-kwotazzjonijiet għal-madum tal-lakstu. Is-Sindku ġiet infurmata li l-funtana se ssir.

3.5 Is-Sindku semmiet is-sitwazzjoni tal-proġett tal-Magħtab fejn intbgħatet imejl lill-Ministru però sal-lum il-Kunsill ma rċieva l-ebda risposta.

3.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri rigward l-attivitajiet ta' din is-sena. L-attivitajiet ta' kull nhar ta' Erbgħa ġew ikkanċellati minħabba li n-numru tan-nies li qed jiġu nfettati bil-COVID-19 reġa' qed jiżdied. Il-Kunsill qabel. Dwar l-attività tal-għotjiet ta' donazzjonijiet lil MCCF fejn kien hemm qbil li din l-attività ssir il-Ħadd ta' qabel il-festa tal-Vitorja filgħodu. L-attività din is-sena ssir minn Naxxar Scouts però se jittieħdu preokkazzjonijiet minħabba il-pandemina li għaddejjin biha bħalissa. Ġie mifthiem li l-attività ssir barra u ma jkunx hemm ikel u xorb. Se jkunu mistiedna rappreżentant wieħed minn kull għaqda. Rigward l-attivitajiet ta' Ġieħ in-Naxxar u tal-Milied din se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI TA' ĦLASIJIET

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.2 Il-Kunsill approvahom (*nem com*) wara proposta mis-Sindku issekondata mill-Kunsillier Deguara. Il-lista tal- pagamenti kif anness f'appendiċi A kif ukoll ir-rendikonti tad-dħul u ordnijiet u l-infiq mill-*Petty Cash*. Dawn huma annessi f'appendiċi B, Ċ u D rispettivament.

## 6. RAPPORT FINANZJARJU TA' KULL KWART

6.1 Is-SE ippreżenta r-rapport finanzjarju u spjega r-rapport fid-dettal anness f'appendiċi E.

6.2 Il-Kunsill approva r-rapport (*nem com*) fuq proposta mis-Sindku issekondata mill-Kunsillier Gatt.

## 7. RAPPORT MIS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI

7.1 Is-SE ressaq ir-rapport mis-sottokumitat Talbiet u Lmenti.

7.2 Il-Kunsill approva r-rapport fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Spiteri.

## 8. RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-FINANZI

8.1 Is-SE ressaq ir-rapport mill-Kumitat tal-Finanzi.

8.2 Kienu is-18:24 fejn dan il-ħin intfew il-mikrofoni biex il-Kunsill jiddiskuti il-*Buffer Zone* tal-Mitħna u x-xiri ta' parti mill-art mingħand il-privat.

8.3 Fis-18:26 il-mikrofoni reġgħu ġew mixgħula.

8.4 Dwar il-problemi tal-Karavans, il-Kunsill qed jikkomunika mal-avukat sabiex issir *Bye-Law.*

8.5 Is-SE spjega fid-dettal is-servizz tat-trasport P2P.

8.6 Il-Kunsill approva dan ir-rapport wara proposta mis-Sindku issekondata mill-Kunsillier Abela.

**9. PUNTI MILL-KUMITAT TAL-FESTA**

9.1 Kienu is-18:52 u l-Kunsill issospenda l-laqgħa għal waqfa qasira.

9.2 Fis-19:03 il-mikrofoni reġgħu ġew mixgħula.

9.3 Il-Kunsill qabel li fis-sitwazzjoni preżenti jkun inutli jiġu diskussi u deċiżi xi punti relatati u għalhekk qabel li dawn jibda jiddiskutihom għall-ħabta ta' Marzu 2021.

**10. TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19:07.

10.2 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 23 ta' Settembru fis-17:45.

**ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI**
**SINDKU**

**PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**